FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS, 17 TA' OTTUBRU, 1996

Avv Nru.394/96

Monica Zammit

vs

Rev. Dun Anton Zammit

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Settembru, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Erba' Liri Maltin, (Lm4.ØØ), rapprezentanti erba snin cens hu gravanti l-fond li l-konvenut ghandu fi Triq l-Annunzjata, Tarxien, liema fond kien inxtara minn missier il-konvenut Francesco Zammit, b'kuntratt ippublikat minn Nutar Dottor E. Agius, fil-Hamsa ta' Settembru, tas-sena elf disa' mija u sitta u tletin, 5/9/36, u li issa ghadda f'idejn il-konvenut u sar porprjeta' assoluta tieghu, u li tieghu l-konvenut ghamel l-ahhar hlas tac-cens li skada fil-hamsa ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin, 5/6/92;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' mejju, 1996, tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju, 1996, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma ppresentax risposta fir-rigward u lanqas ma deher;

Semgha lil Avukat Joe Zammit

li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

In vista tal-fatt illi jirrizulta li l-pagament mitlub ghadu ma sarx u huwa tassew dovut;

It-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lil-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta' Erba' Liri Maltin (Lm4.ØØ), kif fuq inghad;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.